Kunsill Reġjonali Għawdex

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 134/2024**

**Il-Ġimgħa 27 ta' Settembru, 2024**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-6:00 ta' filgħaxija**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Brian Azzopardi | Kunsilli Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur Victor Curmi | Kunsill Lokali tax-Xagħra |
| Is-Sur David Apap | Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sur Noel Formosa | Kunsill Lokali San Lawrenz |
| Is-Sur Paul Azzopardi | Kunsill Lokali Xewkija |
| Is-Sinjura Carmen Parnis | Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Philip Vella | Kunsill Lokali Sannat |
| Is-Sur Baskal Saliba | Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Thomas Mizzi | Kunsill Lokali Fontana |
| Is-Sur Stephen | Kunsill Lokali Għajnsielem |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Edward Said | Kunsill Lokali Nadur |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Kunsill Lokali Qala |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Mario Azzopardi | Kunsill Lokali Kerċem |
| Is-Sur Daniel Attard | Kunsill Lokali Għasri |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Il-President Dr Samuel Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## 134.1 Talba

134.1.1 Il-laqgħa bdiet billi ntqalgħet it-talba tal-bidu.

## 134.2 Laqgħa mal-Pulizija tal-Komunita'.

134.2.1 Peress li kienu preżenti l-Pulizija nbidlet l-ordni tal-laqgħa sabiex issir il-laqgħa magħhom l-ewwel. Ġie ntrodott l-ispettur il-ġdid tas-CPD, is-Sur Mario Xiberras. Ġie diskuss il-problema tal-vetturi abbandunati madwar Għawdex. L-Ispettur spjega li f'Għawdex m'ħawnx faċilitajiet sabiex dawn il-vetturi jinġabru u post fejn jistgħu jinżammu. Għalhekk il-Kunsilli jridu jiġbru dawn il-vetturi huma. L-Ispettur spjega li ser ikollhom għajnuna mingħand il-*Community Police*. Dawn jgħinu billi jpoġġu n-notifiki huma fuq il-vetturi. Wara għandu jsir avviż fil-gazzetta tal-Gvern. Jekk il-vetturi xorta ma jinġabrux mingħand is-sid il-Kunsill jrid jinkariga kuntrattur privat hu sabiex din tiġi irmunkata u miġbura (dan isir fil-preżenza tal-Community Police).

134.2.2 L-Ispettur Xiberras ta' rendikont tar-rapporti tal-kriminalita'. L-aktar irħula effettwati mill-Kriminalita' huma r-Rabat, iż-Żebbuġ (Marsalforn), Għajnsielem, Xewkija u Xagħra.

134.2.3 Is-Sindku ta' San Lawrenz irringrazzja lill-pulizija tal-Community Police tas-servizz tagħhom għax l-effett tal-preżenza tagħhom qed tagħmel effett pożittiv fil-lokalitajiet. Minn naħa l-oħra, kien hemm Sindki li qalu li mhumiex qed jaraw il-*Community Police* fil-lokalitajiet tagħhom.

## 134.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

134.3.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 133 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

## 134.4 Korrispondenza.

134.4.1 Email mingħand id-DG is-Sur Emil Vassallo dwar il-campers fil-lokalitajiet. Hu spjega li l-emenda fil-liġi ma titlobx li jinħareġ permess, iżda li ssir notifika mill-utent. Lanqas titlob li jkun speċifikat il-post fil-lokalita' fejn ser ikun qed jitqiegħed il-camper jew caravan.

134.4.2 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand Is-Sinjura Dorianne Diacono fi ħdan id-Diviżjoni għal-Gvern Lokali dwar l-Iniżjattiva – Reġjun Kulturali 2025. Hi talbet fost affarijiet oħra konferma ta' liema Kunsilli Lokali ser ikunu jieħdu sehem f'din l-inizjattiva. Għalhekk is-Sindki ġew mitluba jikkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom. Għal dan il-għan is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat korrispondenza lill-Kunsilli Lokali Għawdxin kollha. Il-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv titlob lis-Sinjura Diacono kemm hu l-baġit mid-Divizjoni għal din l-iniżjattiva. Ir-Reġjun Għawdex ġie mitlub ukoll progamm ta' attivitajiet għal matul is-sena 2025 kif ukoll l-isem tal-Artistic Director.

134.4.3 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza ta' ringrazzjament personalizzati kemm lill-President tar-Reġjun kif ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-maniġers li ħadu ħsieb, mill-Association of Ukrainian Cities tal-kamp tat-tfal Ukreni li sar għat-tieni sena konsekuttiva.

134.4.4 Il-Maniġer tal-Kultura rċeviet talba mingħand in-Norbert Francis Attard Foundation flimkien mal-Universita' ta' Malta għall-endorsement ta' proġett ta' arkivji fl-Għarb. Dan il-proġett ser jinkludi il-katalogar ta' arti kontemporanja fl-studio ta' Norbert Francis Attard fil-lokal tal-Għarb. Is-Sindki u membri sostituti preżenti qablu li jagħtu l-endorsement tagħhom. Is-Sindku tal-Għarb, is-Sur David Apap Agius talab li l-maniġer tal-Kultura tar-Reġjun Għawdex tagħmel kuntatt miegħu dwar din l-inizjattiva.

134.4.5 Ċirkulari Numru SPI/SCI/07/2024 – Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni minuri f'binjiet pubbliċi. Il-Maniġer tal-Proġetti ssuġġerixxa li l-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex japplika għal din l-iskema sabiex isiru xogħolijiet zgħar fil-binja l-ġdida tar-Reġjun fi Strada Palma fir-Rabat. Dan jista' jinkludi qlugħ ta' *panelling* fil-ħitan u restawr ta' aperturi. Il-membri preżenti qablu ma' dan is-suġġeriment. Din l-iskema tipprovdi ħaddiema biex jagħmlu x-xogħol, ir-Reġjun ikun obbligat li jħallas l-ispejjeż.

134.4.6 Korrispondenza mingħand is-SEM (Servizzi Ewropej f'Malta) dwar laqgħat ta' informazzjoni għall-Kunsilli Lokali u NGO's fejn jiġu diskussi opportunitajiet ta' fondi tal-EU. Is-Sindku tar-Rabat Citta' Victoria offra l-boardroom tal-Kunsill tar-Rabat bħala Venue.

## 134.5 <u>Ħatra ta' board għall-Artistic Director għar-Reġjun tal-Kultura 2025</u>

**134.5.1** Ir-Reġjun Għawdex ħareġ sejħa għall-Direttur Artistiku għas-sena 2025 meta Għawdex ser ikun Reġjun tal-Kultura. Għal dan il-għan hemm bżonn ta' bord tal-għażla biex jaraw l-applikazzjonijiet u jekk ikun hemm bżonn intervisti. Ġew maħturin Rita Mifsud Attard bħala Segretarja tal-bord, il-President tar-Reġjun Għawdex, Dr. Samuel Azzopardi, Naomi Galea li hija l-maniġer responsabbli mill-Kultura fi ħdan ir-Reġjun u s-Sindku tal-Fontana, s-Sur Thomas Mizzi. Il-membri preżenti qablu ma dawn in-nominazzjonijiet. Għandha tiġi iffissata data sabiex issir l-għażla.

## 134.6 <u>Ħatra ta' board tas-selezzjoni għall-pożizzjoni ta' Uffiċjal Reġjonali Maniġerjali tal-Iskart.</u>

**134.6.1** Kif ġie diskuss fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun Għawdex (Laqgħa 133 Paragrafu 133.4) ġie deċiż li tinħareġ sejħa għall-pożizzjoni ta' Uffiċċjal Reġjonali Maniġerjali tal-Iskart. Għadaqstant hemm bżonn li jinħatar board tas-selezzjoni. Il-President staqsa jekk kienx hemm min hu interessat. Ġew maħtura is-Sindki David Apap Agius u Philip Vella flimkien mal-President tar-Reġjun. Rita Mifsud Attard ġiet maħtura bħala Segretarja ta dan il-bord.

## 134.7 <u>Applikazzjonijiet għall-proġetti tal-EU:</u>

134.7.1 L-Uffiċjal Ammiistrattiv fuq Fondi resaq żewġ applikazzjonijiet tal-EU għall-approvazzjoni tar-Reġjun Għawdex. Peress li l-manager jinsab imsiefer ma setax jattendi għall-laqgħa tal-lum. Il-President talab sabiex il-Maniġer jattendi għall-laqgħa li jmiss sabiex jagħti aktar dettalji dwar dawn il-proġetti. Il-proġetti huma:

(a) Proġett tal-Interreg Euro-MED TOURQUOISE (TOurism Utilizing Resilient Water Ecosystems for QUality improvement, Optimizing Island Sustainability and Environmental collaboration). Il-missjoni ta' dan il-proġett huwa t-tisħiħ tat-turiżmu sostenibbli u jekk jgħaddi l-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex se jkun wieħed mill-Partners tal-Proġett.

**(b)** Proġett ta' Twinning taħt il-Programm Cities, Equality, Rights and Values Programme (CERV) bl-isem ta' *'CulturePIE - Promoting Inclusion & Equality through Culture'*. Dan huwa proġett ma' belt fi Spanja (Jerez de la Frontera) li wkoll hija kandidata għall-ECOC 2031.

Il-membri preżenti qablu li dawn iż-żewġ Proġetti jiġu approvati.

**134.8 <u>Attivitajiet matul ix-xaħar ta' Ottubru.</u>**

*(a) Festa ta' Sant' Ursola.* Il-Ħadd 20 ta' Ottubru ser tiġi ċċelebrata il-festa ta' Sant Ursula, Patruna t' Għawdex. B'rabta mal-legami, li kien jeżisti fl-antik mal-Patruna ta' Għawdex, ir-Reġjun se jkompli jsaħħaħ din ir-rabta bil-preżenza tal-bnadar ta' kull Lokalita' ġewwa l-Katidral u kif ukoll terġa tinżamm iċ-ċerimonja simbolika tal-għoti taż-żejt mill-President tar-Reġjun Għawdex lill-Isqof ta' Għawdex, sabiex skont it-tradizzjoni antika, il-lampier tal-Kappella ta' Sant Ursola jinżamm mixgħul tul is-sena kollha. Għal din l-okkażjoni jkun xieraq li jkun hemm attendenza tas-Sindki kollha Għawdxin. Il-membri kollha tal-Kunsilli huma mistiedna biex jattendu.

*(b) Jum Għawdex.* Jum Għawdex jiġi ċċelebrat fit-28 ta' Ottubru. Iċ-Ċerimonja ta' tqegħid ta' kuruni quddiem il-Monument tal-Arċipriet Saverio Cassar fi Pjazza Indipendenza tiġi organizzata miċ-Ċircolo Gozitano flimkien mar-Reġjun Għawdex u il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Wara t-tqegħid tal-kuruni ssir Konċelebrazzjoni Pontifikali ġewwa l-Katidral ta' Għawdex, segwitha b'ċerimonja tal-għoti ta' Ġieħ Għawdex ġewwa s-Sentinella fiċ-Cittadella stess u riċeviment fil-preżenza tal-E.T. Myriam Spiteri Debono, President tar-Repubblika ta' Malta. Għal din l-okkażjoni ntalbet l-preżenza tas-Sindki kollha, flimkien mal-Kunsilliera u staff fejn hu possibbli.

**134.9 <u>Rapport tal-adjudicating board dwar is-servizz tal-manutenzjoni tal-bozoz.</u>**

134.9.1 Peress li kien hemm xi kjarifikazzjonijiet minn wieħed mill-bidders fl-aħħar minuta, dan ir-rapport għadu ma tlestix.

134.9.2 Saret kjarifika mis-Segretarju Eżekuttiv għall-benefiċċju tas-Sindki ġodda dwar iż-żewġ sistemi tar-rappurtaġġ ta' ħsarat ta' bozoz (street lighting). Ġie spjegat li l-offerta li nħarġet mir-Reġjun Għawdex hija dik li minnha responsabbli r-Reġjun, li hija ta' bozoz ta' triq LEDs li kienu daħlu fil-proġett ta' SLDA (Street Lighting Devolution Agreement) fis-sena 2015. Permess ta' din l-offerta r-Reġjun ser ikollu kontroll fuq ix-xiri ta' bozoz (replacement), kif ukoll fuq is-servizz (żmien li wieħed irrid jirranġa l-ħsarat). Bozoz ġodda u l-manutenzjoni tagħhom u bozoz ornamentali jibqgħu responsabbilita' tal-Kunsilli Lokali.

**134.10 <u>Applikazzjoni għall-European Mobility Week mal-Iskejjel Sekondarji</u>**

134.10.1 Nirreferi għaċ-Ċir AKL 2024/053 – European Mobility Week – Żewġ pakketti ta' Fondi. Il-Maniġer tal-Proġetti għamel talba sabiex japplika mal-"Middle School" biex nippromowvu l-użu tar-roti, mixi u trasport pubbliku minflok użu ta' vetturi. Il-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex diġa beda l-promozzjoni tal-użu tar-roti (pedal bikes) fis-sena preċedenti. Jekk ir-Reġjun flimkien mal-Middle School jingħataw fondi għal din ikun jistgħa jagħmel kampanja ta' għarfien fuq is-social media, leaflets u speakers. Il-membri preżenti approvaw li ssir din l-applikazzjoni.

## 134.11 Materji oħra.

134.11.1 Is-Sindku tax-Xagħra, Is-Sur Victor Curmi qasam il-vawċers tal-Cat Feeders lis-Sindki preżenti. Hu spjiega li dawn għandhom jitqassmu lill-"cat feeders" li huma rreġistrati fl-irħula tagħhom. Dawn il-biljetti jridu jiġu użati sa l-aħħar ta' Ottubru. Dawk il-Kunsilli li ma kinux ir-rappreżentati f'din il-laqgħa għandhom jiġbruħom mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex.

## 134.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti.

134.12.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 145 li kienet tammonta għal €178,890.96

## 134.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

**134.13.1** Il-Laqgħa ntemmet fis-19:30 hrs u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 29 ta' Ottubru fis-6 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATI**

Dr. Samuel Azzopardi
President

**IFFIRMATI**

Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv